A.L. 52 tal-2024

ATT DWAR L-INTRAPRIŻA TA' MALTA (KAP. 463)

Regolamenti tal-2024 dwar l-Investiment (2024)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 5 tal-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta, il-Ministru responsabbli għall-Intrapriza ta' Malta, bi qbil mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, bidu fis-seħħ u applikabbiltà.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 dwar l-Investiment (2024).

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2024.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw fir-rigward ta' investiment inizjali eliġibbli favur it-twettiq ta' attività ekonomika kwalifikanti.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"Att" tfisser l-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta; Kap. 463.

"attività kwalifikanti" tfisser attività ekonomika kif preskritt fil-Linji Gwida;

"bidu tax-xogħlijiet" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Artikolu 2(23) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna kompatibbli mas-suq intern b'applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat, kif emendat minn żmien għal żmien;

"impriża" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"impriża ta' daqs medju" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna kompatibbli mas-suq intern b'applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat, kif emendat minn żmien għal żmien;

"impriża kbira" tfisser kwalunkwe intrapriża li ma tikkwalifikax bħala impriża żgħira jew impriża ta' daqs medju;

"impriża żgħira" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat, kif emendat minn żmien għal żmien;

"intensità tal-għajnuna" tfisser l-ammont gross tal-għajnuna espress bħala perċentwal tal-ispejjeż eliġibbli qabel kwalunkwe tnaqqis ta' taxxa jew ħlas ieħor;

"Korporazzjoni" tfisser l-Intrapriża ta' Malta kif imwaqqfa bl-artikolu 7 tal-Att;

"Linji Gwida" tfisser il-Linji Gwida kif jistgħu jiġu ppubblikati mill-Korporazzjoni minn żmien għal żmien skont l-Att, li jistabbilixxu l-parametri tal-implimentazzjoni tal-għajnuna mogħtija bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti;

"investiment inizjali" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Artikolu 2(49) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat, kif emendat minn żmien għal żmien;

"investiment inizjali li joħloq attività ekonomika ġdida" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Artikolu 2(51) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat, kif emendat minn żmien għal żmien;

"spejjeż eliġibbli" tfisser dik in-nefqa li tista' tikkwalifika għall-għajnuna skont dawn ir-regolamenti u kif għandu jiġi stabbilit ulterjorment fil-Linji Gwida.

Proġetti eliġibbli.

3. Il-Korporazzjoni għandha tappoġġja investiment inizjali:

(a) imwettaq minn impriża żgħira jew ta' daqs medju li tirriżulta f'attività kwalifikanti relatata mat-twaqqif ta' stabbiliment ġdid, l-estensjoni tal-kapaċità ta' stabbiliment eżistenti, id-diversifikazzjoni tal-prestazzjoni ta' stabbiliment jew bidla fundamentali fil-proċess globali tal-produzzjoni;

(b) imwettaq minn impriża kbira li tirriżulta f'attività

ekonomika kwalifikanti ġdida li tikkonsisti fit-twaqqif ta' stabbiliment ġdid jew id-diversifikazzjoni tal-attività ta' stabbiliment, sakemm l-attività l-ġdida ma tkunx l-istess jew attività simili għall-attività mwettqa qabel fl-istabbiliment;

(ċ) li jikkonsisti fl-akkwist ta' assi li jappartjenu għal stabbiliment li għalaq jew kien jagħlaq li kieku ma nxtarax, iżda:

(i) l-istabbiliment għandu jiġi utilizzat għat-twettiq ta' attività kwalifikanti;

(ii) l-attività mwettqa fl-istabbiliment wara l-akkwist minn impriża kbira ma tkunx l-istess jew attività simili għal dik imwettqa fl-istabbiliment qabel l-akkwist;

(iii) l-akkwist uniku tal-ishma ta' impriża ma jikkwalifikax bħala investiment inizjali;

(d) li għalihom il-bidu tax-xogħlijiet iseħħ fil-perjodu stabbilit fil-Linji Gwida;

(e) li jikkonforma mat-termini u l-kondizzjonijiet kollha stabbiliti fil-Linji Gwida;

(f) impriża li tagħmel użu mill-benefiċċji ta' dawn ir-regolamenti għandha tipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja ta' mill-inqas ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) tal-ispejjeż eliġibbli, permezz tar-riżorsi tagħha stess jew permezz ta' finanzjament estern, f'forma li tkun ħielsa minn kwalunkwe appoġġ pubbliku; jew

(g) kwalunkwe investiment appoġġjat skont dawn ir-regolamenti u l-attività ekonomika kwalifikanti għandhom jinżammu f'Malta wara t-tlestija tal-proġett ta' investiment għal perjodu ta' mill-inqas tliet (3) snin u mhux aktar minn ħames (5) snin fil-każ fejn l-imsemmija attività ekonomika kwalifikanti tkun twettqet minn impriża żgħira jew ta' daqs medju.

Tip ta' għajnuna.

4. Impriża li twettaq investiment inizjali eliġibbli kif imfisser skont dawn ir-regolamenti u l-Linji Gwida għandha tiġi megħjuna permezz ta' waħda jew kombinazzjoni ta' dawn li ġejjin:

(a) kreditu ta' taxxa;

(b) għotja ta' flus;

(ċ) sussidju fuq ir-rati tal-imgħax jew garanzija fuq is-self sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzjament tan-nefqa

meħtieġ għall-investiment inizjali.

Intensità tal-għajnuna.

5. L-intensità tal-għajnuna ma tistax teċċedi l-percentwal stabbilit fil-Linji Gwida u għandha tigi kkalkulata bħala perċentwal ta':

(a) in-nefqa eliġibbli kwalifikanti kif stabbilita fil-Linji Gwida; jew

(b) spejjeż tal-pagi għal impjiegi maħluqa direttament bħala riżultat tal-proġett eliġibbli kif għandhom jiġu speċifikati ulterjorament fil-Linji Gwida.

Użu ta' krediti ta' taxxa.

6. (1) Impriża li tibbenefika minn krediti ta' taxxa skont dawn ir-regolamenti u l-Linji Gwida rispettivi għandha tkun intitolata li tnaqqas mill-ammont ta' taxxa fuq id-dħul li hu dovut fuq id-dħul taxxabbli tagħha li jkun derivat mis-sengħa jew negozju fis-sena ta' stima minnufih wara l-għoti tal-kreditu ta' taxxa, ammont li hu ekwivalenti għall-krediti ta' taxxa mogħtija.

(2) Impriża li fi kwalunkwe sena ta' stima ma tagħmilx użu mill-kreditu ta' taxxa mogħti lilha jew li ma tnaqqasx il-valur mill-ammont tad-dħul taxxabli li jkun derivat mis-sengħa jew negozju li huwa inqas mill-kreditu ta' taxxa mogħti lilha, tista' tittrasferixxi 'l quddiem il-kreditu ta' taxxa li ma jkunx utilizzat għas-snin ta' stima sussegwenti.

(3) Kreditu ta' taxxa mogħti skont dawn ir-regolamenti u l-Linji Gwida rispettivi ma għandux jagħti lok għal dritt ta' rifużjoni ta' taxxa.

(4) Fejn impriża tkun ibbenefikat minn kreditu ta' taxxa mogħti skont dawn ir-regolamenti, il-kreditu ta' taxxa għandu jitqies li ħeles mit-taxxa dik il-parti tad-dħul taxxabbli tal-impriża li, meta multiplikat bir-rati ta' taxxa li bihom kienet taxxabbli f'dik is-sena tkun ugwali għall-kreditu ta' taxxa, u fejn l-impriża tkun kumpanija u dik l-impriża jew kwalunkwe kumpanija sussegwenti tqassam id-dħul li huwa meqjus ħieles mit-taxxa, tali impriża għandha tiddikjara fid-dividend warrant li għandu x'jaqsam ma' kwalunkwe tali distribuzzjoni ta' taxxa fuq dak id-dħul kien meħlus mit-taxxa bi kreditu ta' taxxa skont dan ir-regolament.

(5) (a) Fil-każ ta' impriża li hi kumpanija, id-dħul taxxabbli li jitqies li ġie meħlus mit-taxxa skont is-subregolament (4) għandu jkun, għall-finijiet tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, allokat fil-kontijiet tat-taxxa rispettivi tal-kumpanija inkwistjoni skont ir-Regoli dwar il-Kontijiet tat-Taxxa (Taxxa fuq l-*Income*) u kwalunkwe dividends, jew parti minnu, li jkun imqassam minn dak id-dħul għandu

Kap. 123.

L.S. 123.101.

jkun eżentat mit-taxxa fuq id-dħul f'idejn il-membri tal-kumpanija malli dawn jirċievu tali tqassim.

(b) Fejn dividend imsemmi fil-paragrafu (a) jitqassam lil membru li jkun ukoll kumpanija, f'dan is-subregolament imsejjaħ "it-tieni kumpanija", l-imsemmi dividend jista' bl-istess mod jitqassam mit-tieni kumpanija lill-membri tagħha fil-forma ta' dividends eżenti mit-taxxa fuq id-dħul f'idejn min jirċevih, u meta membru tat-tieni kumpanija jkun ukoll kumpanija, id-dispożizzjoniijiet preċedenti japplikaw *mutatis mutandis* daqslikieku referenzi għall-ewwel kumpanija kienu referenzi għat-tieni kumpanija, u daqslikieku referenzi għat-tieni kumpanija kienu referenzi għal dak il-membru, u l-prinċipju stabbilit f'dan is-subregolament għandu jibqa' jiġi applikat għal kemm-il darba tali dħul, jew parti minnu, li għalih japplika dan ir-regolament jitqassmu permezz ta' dividends.

(6) Kreditu ta' taxxa ma għandux ikun dovut lil xi impriża skont dawn ir-regolamenti sakemm dan ma jiġix sottomess fil-parti adatta tal-prospett tat-taxxa sa mhux akter tard mid-data tal-prospett tat-taxxa relattiva.

Skadenza għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għall-għajnuna.

7. (1) Il-Korporazzjoni għandha tistabbilixxi fil-Linji Gwida skadenza għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għall-għajnuna.

(2) Għajnuna skont dawn ir-regolamenti ma għandhiex tingħata mill-Korporazzjoni wara l-31 ta' Diċembru 2026.

Dispożizzjoni tranżitorja.

8. F'każ li tinħareġ skema ġdida, id-dispożizzjonijiet li fir-rigward tagħhom tkun ingħatat l-għajnuna qabel il-ħruġ tal-iskema l-ġdida għandhom jibqgħu japplikaw għaliha.